MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 297/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fid-dsatax (19) ta’ Novembru tas-sena elfejn (2000) fil-knisja parrokkjali taz-Zejtun u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru tar-Registru elfejn u tlieta u erbghin tas-sena elfejn (2043/2000) [Dokument A].

Illi l-kunsens tal-partijiet fil-mument taz-zwieg kien ivvizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-

hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi inoltre, il-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kontendenti sseparaw bonarjament b’kuntratt pubblikat min-Nutar Bartholomeo Micallef fit-2 ta’ Settembru 2003.

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u ragunijiet ohra kontemplati fl-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255), iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett legali.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-19 ta’ Novembru 2000 huwa null u bla effett legali.

Konsegwentement tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D, li in forza taghha eccepiet:

Illi hija kienet izzewget lil A B fit-18 ta’ Novembru tas-sena 2000, fil-Knisja Parrokkjali taz-Zejtun, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru 2043.

Illi huma kienu ghamlu zmien twil gharajjes qabel ma zzewgu, pero’ damu flimkien mizzewga ghal diversi xhur sakemm ir-rikorrenti dahal f’relazzjoni extra-konjugali u l-partijiet isseparaw minn xulxin fl-2003 permezz ta’ kuntratt tan-Nutar B. Micallef.

Illi l-kunsens, semmai tar-rikorrenti, fil-mument taz-zwieg kien ivvizzjat minhabba difett serju ta’ diskrizzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi r-rikorrent, minkejja z-zwieg, baqa’ jgib ruhu ta’ guvni u malajr ta wicc lil haddiehor u skarta lil martu l-esponenti.

Illi ghalhekk, barra dan ta’ hawn fuq, il-kunsens tar-rikorrenti kien vizzjat minhabba eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi minhabba r-ragunijiet premessi, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett legali.

Ghaldaqstant, l-esponent tecepixxi bir-rispett:

Illi z-zwieg huwa null minhabba n-nuqqasijiet premessi min-naha tar-rikorrenti.

Illi hija ma topponix ghall-annulament taz-zwieg fuq ir-ragunijiet premessi.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhud viva voce.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza ltaqghu meta kienu ghadhom zghar hafna. Wara ftit gimghat li bdew johorgu flimkien bdew imorru fid-djar ta’ xulxin u kontinwament fil-prezenza tal-familji taghhom, qattghu tmien snin gherusija. Tispikka f’din ir-relazzjoni, il-prezenza kontinwa ta’ omm ir-rikorrenti u l-effett li dan il-fatt kellu fuq il-mod ta’ kif zviluppat l-istess relazzjoni.

Fl-affidavit tieghu, ir-rikorrenti jixhed hekk:

"*Kif dahhalt lill-konvenuta ghand ommi, ftit li xejn bqajna nqattghu hin wahedna. Lanqas nohorgu ghal rasna ma konna, ghaliex dejjem mal-familja tieghi konna nkunu. Mill-bqija, konna nibqghu gewwa ghand ommi.*

*Ftit li xejn niftakarna naghmlu affarijiet flimkien qabel iz-zwieg. Il-hin liberu tieghi kont inqattghu nara t-television jew nilghab il-playstation ghand ommi. Il-mara kienet, fil-frattemp, toqghod titkellem ma' ommi, jew tara t-television maghha. Illum nirrealizza li kwazi qatt ma tkellimna b'maturita' bejnietna fuq ir-relazzjoni taghna.*

*Il-futur taghna flimkien qatt ma hassejna l-bzonn li nippjanawh, jew ghallinqas nitkellmu dwaru.*

*Meta nhares lura nirrealizza li s-sess kien l-uniku haga li konna naghmlu flimkien wahedna jien u l-konvenuta. Xejn aktar. Jien ma kont kapaci naghmel xejn minghajr ommi. Minn dejjem kienet l-aktar persuna importanti f'hajti, u dak iz-zmien iktar ghaliex kont ghadni m'hiniex kapaci nfendi ghal rasi. Kont niddejjaq li naghmel xi haga bla ma nghidilha, jew li mmur kontra xi xewqa taghha. Ghalija kien importanti li l-mara tkun bicca wahda ma' ommi – hi min-naha taghha kienet tmur tajjeb ma' ommi u kienet tqatta' hafna hin maghha – b'hekk sibt ruhi moqdi u komdu minghajr ic-cans li nikber u nghix hajti.*"

Huwa jkompli:

"*Ghalkemm wara z-zwieg, jien u l-konvenuta bdejna nghixu ghal rasna, bqajt immur niekol regolarment ghand ommi u bqajna mmorru ghandha kuljum. Ommi ukoll kienet tigi ghandna, kwazi kuljum.*"

L-intimata martu tikkonferma hekk:

"*Illi nghid li spiss konna nkunu ghand ommu ghax hija hekk kienet trid. Jekk ma konniex immorru kienet tiehu ghaliha. Niftakar darba domna ghand ommi u tghidx kemm hadet ghaliha u ghamlet nervi kbar u damet tgerger. Jiena niftakar, min-naha tieghi, kont neqred biex*

*nohorgu ftit wahedna imma hu kien jghidli ghax jiehdu ghalihom bi skuza. Kien qisu jibza' minnha.*

*Illi wara z-zwieg konna bqajna mmorru ghand ommu ghax hi hekk baqghet trid. Kienet baqghet trid tarah spiss lil binha. Anzi jekk ma konniex immorru kienet tigi hi. Kien A li ghazel li nibqghu f'din il-hajja. Jien kont nghidlu biex nohorgu wahedna jew ma' xi koppja tamparna. Hu kien jghidli ghax tac-cajt.*

*Illi jiena nghid li A kien l-immatur fostna ghax ommu kienet iddominatu u ghal kollox kien jiddependi fuqha. Kien 'mummy's child'.*"

Il-Qorti tal-Appell, fil-kawza "**Janet Portelli vs Victor Portelli**" (deciza fl-14 ta' Awissu, 1995), irriteniet is-segwenti:

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.*"

Fl-istess sens, l-insenjament tal-Qorti Civili (Prim'Awla) fil-kawza "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995):

"*Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-*

*maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.*"

Il-fattispecie ta' dan iz-zwieg, ezaminat fid-dawl tal-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-materja wasslu ghall-konvinciment ta' din il-Qorti li l-kunsens tar-rikorrent ghaz-zwieg tieghu kien tassew vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju a tenur tal-Art. 19 (1) (d) tal-Kap. 255.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-19 ta' Novembru 2000 huwa null u bla effett;

2. Tilqa' ukoll it-tieni talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------